# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 2946/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Emanuel Ciantar**

Illum 15 ta' Mejju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Emanuel Ciantar**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 9373(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-30 ta' Jannar 2022 għal ħabta ta' 13:15hrs ġewwa Wied Ħażrun l/o Rabat, Malta:

1. insulenta, inġurja jew hedded bi kliem jew b'mod ieħor lil Christina Fylking Nielsen;

2. volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat, storbju jew ġlied.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, minbarra mill-piena applikabbli, tapplika Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-ħarsien ta' Christina Fylking Nielsen.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordna lill-imputat ineħħi kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat, jew skont iċ-ċirkostanzi li jikkonforma ruħu mal-liġi, fi żmien biżżejjed għal dak il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jiġi stabbilit mill-Qorti u dan skont Artikoli 377(3) u 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tagħti l-piena stabbilita skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni (2) imputazzjoni, sabitu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u kkundannatu twiddiba u ċanfira. Biex tipprovdi għas-sigurta' ta' Christina Fylking Nielsen kif ukoll sabiex jinzamm il-bon ordni, flimkien mal-piena l-Qorti obbligat lill-imputat b'obbligazzjoni ta' ħames mitt Euro (€500) favur Christina Fylking Nielsen għal perjodu ta' tnax-il xahar mid-data tas-sentenza u dana *ai termini* ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ċar u sempliċi l-obbligi tiegħu taħt is-sentenza minnha mogħtija u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess. Finalment, il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza tingħata lill-partijiet u li kopja tagħha titpoġġa fuq is-sistema *online* tal-Qrati minnufih.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha* ***<u>TIRRIFORMA</u>*** *s-sentenza*

*appellata u dan billi filwaqt illi* ***TIKKONFERMAHA*** *fil-parti tas-sentenza fejn ma sabitux ħati tat-tieni akkuża,* ***TĦASSARHA u TIRREVOKAHA*** *fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement* ***TILLIBERAH*** *minnha billi minflok tiddikjarah mhux ħati tagħha u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-3 ta' April 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-21 ta' Frar 2025.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw inċident fejn jidher li l-appellant li joqgħod biswit is-Simblija fuq Wied Ħażrun sab xi ċiklisti għaddejjin minn dik li huwa jgħid hija proprjeta' privata tiegħu. Huwa jgħid li meta niżel sabiex jitlob lil dawn iċ-ċiklisti jitilqu minn fuq is-sit huma kienu maledukati u huwa qalilhom li kien ser iċempel lill-Pulizija. Fil-fatt ċempel lill-Pulizija iżda meta dawn waslu, iċ-ċiklisti kienu laħqu telqu. Huwa spjega li sar jaf minn kienu dawn iċ-ċiklisti minn artikoli fuq il-gazzetti. Minn naħa tagħhom jingħad li ċ-ċiklisti qalu li l-appellant laqagħhom b'ċertu herra u saħansitra beda juża lingwaġġ baxx fil-konfront tagħhom u peress li ħassewhom mhedda huma telqu mill-istess direzzjoni li kienu ġew minnha.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tinnota li l-*parte civile* fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti u li dwaru qed tingħata din is-sentenza hija Christina Fylking

Nielsen u li l-appellant allura imputat huwa Emanuel Ciantar. Għandu jingħad ukoll li l-kawża li għandha quddiemha din il-Qorti kienet mixja u qed tinstema' quddiem l-Ewwel Qorti flimkien ma' erba' kawżi oħra. B'hekk kien hemm ħames kawżi mexjin u jinstemgħu flimkien, liema kawżi huma s-segwenti:

- dik odjerna ossia dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Ciantar**; u dawk fl-ismijiet:

- **Il-Pulizija vs. Yves Muscat**;

- **Il-Pulizija vs. Isaac Muscat**;

- **Il-Pulizija vs. Scott Emanuel Schembri**;

- **Il-Pulizija vs. Christina Fylking Nielsen**.

Illi din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa intitolat hekk: *"Nuqqas ta' segwiment tal-proċess kif stabbilit mil-liġijiet ta' Malta, illi għandu jwassal għall-isfilz tax-xiehda tal-parte civile mill-atti."* L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma segwietx il-proċess proprju kif suppost u kif stipulat f'Artikoli 374 u 375 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana peress li ġiet ikkunsidrata d-depożizzjoni tal-*parte civile* Christina Fylking Nielsen fil-kawża kontra tiegħu u dana wara li l-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* kienu diġa' laħqu ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa. Jispjega li Artikolu 374 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitratta dwar kif għandha titmexxa l-azzjoni kriminali fil-Qrati Maltin. Jirreferi għal verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fid-19 ta' Mejju 2023 (*a fol.* 51) minn fejn jirriżulta li l-*parte civile* Christina Fylking Nielsen ma xehditx. Jisħaq li l-avukat tad-difiża fil-kawżi kontra Yves Muscat, Isaac Muscat, Scott Emmanuel Schembri u Christina

Fylking Nielsen talab lill-istess Nielsen sabiex tixhed għad-difiża tal-intimati kollha u li sussegwentement din l-istess xiehda ntużat fil-konfront tiegħu (tal-appellant) fil-kawża kontra tiegħu. Jargumenta li din ix-xiehda ma kellhiex tittieħed in konsiderazzjoni fil-kawża kontra tiegħu minħabba li l-*parte civile* kienet diġa' għalqet il-provi tagħha u li l-kawża kienet tħalliet għall-provi tad-difiża. Jisħaq li dan imur kontra d-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq minħabba li ma kellux iċ-ċans jieħu konjizzjoni ta' din ix-xiehda u jifformula risposta adegwata stante li s-seduta tad-19 ta' Jannar 2024 kienet l-aħħar opportunita' ta' smiegħ għad-difiża tiegħu qabel is-sottomissjonijiet finali. Jispjega li fil-verbal tad-19 ta' Jannar 2024 (*a fol.* 59), minkejja li hemm provdut li din ix-xiehda kienet ser tintuża fil-kawżi l-oħra kontra l-persuni l-oħra li daħlu fil-fond, imkien ma hemm inkluż li din ix-xiehda ser tintuża fil-kawża kontra tiegħu.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li mill-verbal tal-ewwel seduta li nżammet quddiem l-Ewwel Qorti fil-kawża odjerna ossia dik miżmuma fit-8 ta' Lulju 2022 (*a fol.* 10), apparti li hemm imniżżel minn deher u informazzjoni anċillari, hemm imniżżel ukoll li kien xehed l-appellant allura imputat Emanuel Ciantar u eżebixxa numru ta' dokumenti (it-traskrizzjoni tad-depożizzjoni ta' liema Ciantar tinsab wara l-verbal imsemmi) u dana wara li ngħata d-debita kawzjoni. Għandu jingħad li mill-verbal tas-seduta msemmija mkien ma hemm imniżżel li l-*parte civile* Christina Fylking Nielsen kienet għażlet li ma tixhidx jew li l-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* kienu għalqu l-provi tagħhom b'dan illi mill-verbal tas-seduta msemmija jirriżulta li l-appellant allura imputat kien assistit minn avukat ta' fiduċja. Dan ifisser li jekk l-appellant allura imputat kellu xi oġġezzjoni li jixhed dakinhar tat-8 ta' Lulju 2022 u dana sabiex jigi segwit dak li jiddisponi Artikolu 374 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa messu ra li fil-verbal tas-seduta msemmija kien hemm imniżżel li l-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* ma kellhomx aktar provi xi jipproduċu.

Illi apparti dak li ngħad hawn fuq din il-Qorti tinnota wkoll li fil-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fid-19 ta' Mejju 2023 (*a fol.* 51) hemm imniżżel li l-Prosekuzzjoni kienet talbet li jixhdu Isaac Muscat u Christina Fylking Nielsen u li dawn iddikjaraw li mhux ser jixhdu. Minkejja dan mill-verbal tas-seduta miżmuma fid-19 ta' Jannar 2024 (*a fol.* 59) hemm imniżżel hekk:

> "L-imputat Emanuel Ciantar u l-*parte civile* Isaac Muscat, Yves Muscat, Scott Emanuel Schembri civile [sic!] jiddikjaraw li m'għandhomx oġġezzjoni biex Christina Fylking Nielsen tixhed bl-Ingliż.
>
> Tixhed Christina Fylking Nielsen, bl-Ingliż u bil-ġurament.
>
> Il-*parte civile* għażlet li tixhed wara li l-Qorti tagħtha d-debita kawzjoni.
>
> Kontro-eżami.
>
> Id-difiża tiddikjara li x-xiehda ta' Christine Fylking Nielsen għandha tittieħed ukoll bħala xiehda in difeża fil-kawżi **Il-Pulizija vs. Isaac Muscat**, **Il-Pulizija vs. Yves Muscat**, u **Il-Pulizija vs. Scott Emanuel Schembri**."

Illi minn dan t'hawn fuq jirriżulta li fis-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fid-19 ta' Jannar 2024 xehdet Christina Fylking Nielsen u li l-appellant allura imputat mhux talli ma oġġezzjonax għal din ix-xhud, talli ma kellux oġġezzjoni li tixhed bl-Ingliż. Apparti minn dan, jirriżulta wkoll li x-xiehda mogħtija minn Christina Fylking Nielsen kellha tittieħed ukoll għal kawżi l-oħra. Ma jirriżulta li ġie mressaq l-ebda ilment dwar dan fis-seduta msemmija.

Illi kien biss fis-seduta miżmuma fil-15 ta' Marzu 2024 (*a fol.* 67 *et seq.*) li l-appellant allura imputat ilmenta b'riferenza għal verbal tas-seduta miżmuma fid-19 ta' Mejju 2023 (*a fol.* 51) li fih kien

hemm imniżżel li Isaac Muscat u Christina Fylking Nielsen għażlu li ma jixhdux u li ma kienx hemm aktar provi minn naħa tal-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* u li b'hekk talab (fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2024) li x-xiehda ta' Christina Fylking Nielsen tiġi sfilzata. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba għall-isfilz fi provvediment mogħti minnha fl-20 ta' Frar 2025 (*a fol.* 77). Magħdud ma' dan l-appellant, quddiem din il-Qorti, sabiex isostni l-argument tiegħu, talab u kiseb, li jressaq il-verbali tal-kawżi l-oħra. Dawn ġew eżebiti permezz ta' Nota (*a fol.* 129 *et seq.*). Dwar dan, din il-Qorti tinnota li wara rat bir-reqqa l-verbali in kwistjoni ma tarax li huma ta' xi rilevanza. Dak li huwa rilevanti huwa dak li hemm miktub fil-verbali tal-kawża li dwarha qed tingħata din is-sentenza. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti fil-provvediment minnha mogħti fl-20 ta' Frar 2025 (*a fol.* 77) u ċioè li dak li hemm fil-verbal tas-seduta miżmuma fid-19 ta' Jannar 2024 (*a fol.* 59 *et seq.*) huwa ċar. Din il-Qorti ma għandhiex xi żżid ma' dan.

Illi rigward dak li ngħad mill-konsulent legali tal-appellant meta nstemgħu s-sottomissjonijiet finali bil-fomm quddiem din il-Qorti fis-seduta miżmuma quddiemha fid-29 ta' April 2025 u ċioè dwar il-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fil-15 ta' Marzu 2024 (*a fol.* 67 *et seq.*), din il-Qorti tinnota li mhux tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq dan il-verbal iżda qed tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq il-verbal tas-seduta miżmuma fid-19 ta' Jannar 2024 (*a fol.* 59 *et seq.*).

Illi ma kellux għalfejn jiġi vverbalizzat mill-Ewwel Qorti li x-xiehda ta' Christina Fylking Nielsen kienet ser tintuża għal dan il-każ u dana peress li l-verbal tas-seduta miżmuma fid-19 ta' Jannar 2024 (*a fol.* 59 *et seq.*) kien intiż għal dan il-każ. B'mod partikolari din il-Qorti tinnota li fil-verbal tas-seduta msemmija hemm imniżżel hekk (*a fol.* 59 *et seq.*):

> "Id-difiża tiddikjara li x-xiehda ta' Christina Fylking Nielsen għandha tittieħed <u>ukoll</u> bħala xiehda in difeża fil-kawżi […]." [emfażi miżjuda]

Illi minn qari ta' dak hawn fuq appena ċitat jirriżulta ben ċar li l-kawżi msemmija fil-verbal kienu b'żieda ma' dawk tal-kawża li dwaru qed tingħata s-sentenza llum minn din il-Qorti.

Illi minbarra dan, rigward l-ordni ta' kif instemgħu x-xhieda, filwaqt li dak li jiddisponi Artikolu 374(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jiġi rispettat b'dan illi din il-Qorti tinnota li minħabba li kien hemm aktar minn kawża waħda li kienu qed jinstemgħu flimkien, l-ordni ta' dawn ix-xhieda huwa xi ftit mibdul. Dan jirriżulta mill-fatt li l-appellant li kien l-imputat f'dan il-każ kien l-ewwel wieħed li xehed. Din il-Qorti għal darba oħra tirrileva li meta xehdet Christina Fylking Nielsen il-verbal kien ċar u ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni reġistrata għax-xiehda tagħha. Għalhekk din il-Qorti ma tarax kif issa qed jerġa' jitqajjem dan il-punt fi stadju ta' appell u dana meta kien biss fl-aħħar li quddiem l-Ewwel Qorti tressaq ilment sabiex tiġi sfilzata x-xiehda ta' Christina Fylking Nielsen.

Illi rigward dik il-parti tal-aggravju in eżami fejn l-appellant isostni leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq, din il-Qorti tikkunsidra li dan l-ilment ma ġiex imressaq fil-forum korrett u dana stante li din il-Qorti ma għandhiex kompetenza sabiex tistħarreġ tali ilment.

Illi b'hekk isegwi li din il-Qorti qed tiċħad l-aggravju in eżami b'dan illi din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dik il-parti li tirrigwarda allegat leżjoni tad-dritt fundamentali tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta qieset li hu ammetta li rritalja għal kliem ta' Christina Fylking Nielsen. Huwa jsemmi li tali ammissjoni ma tirriżulta minn imkien u li għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq dan il-punt. L-appellant isemmi li l-Ewwel Qorti sostniet r-raġunament tagħha fuq il-fatt li preċedentement hu kien semma li l-ġimgħa ta' qabel

kien kellem lill-*parte civile* Christina Fylking Nielsen u r-raġel li kien hemm magħha ossia Yves Muscat fejn qalilhom sabiex jitilqu mill-proprjeta' li jgħid li kienet tiegħu. Jilmenta li l-Ewwel Qorti qieset dan bħala forma ta' ritaljazzjoni u b'hekk ma setgħetx temmnu. L-appellant jgħid li huwa qatt ma rritalja kontra Christina Fylking Nielsen u li kull ma għamel huwa li talabhom jitilqu.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi magħdud ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti rigward l-atteġjament tal-appellant lejn Christina Fylking Nielsen tirriżulta minn inkonsistenza fix-xiehda mogħtija mill-istess appellant. Fil-verita', ir-ritaljazzjoni *o meno* mhux wisq ta' importanza f'dan il-każ minħabba li l-appellant qatt ma ndika li Christina Fylking Nielsen b'xi mod jew ieħor inġurjatu. Minn naħa l-oħra, Christina Fylking Nielsen qalet ċar u tond fix-xiehda minnha mogħtija fid-19 ta' Jannar 2024 li l-appellant indirizzaha bħala (*a fol.* 62):

> *"Fuck off go back to your country, this is not the place for tourists."*

Illi minn imkien ma jirriżulta li Christina Fylking Nielsen b'xi mod għajret lill-appellant. Kieku kien hekk, il-kwistjoni tar-ritaljazzjoni setgħet titqies fil-keffa tal-miżien iżda dan ma kienx il-każ.

Illi meqjus dan kollu l-Ewwel Qorti għażlet li temmen il-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* u mhux mill-appellant. Fl-aħħar mill-aħħar anke xhud wieħed jekk emmnut huwa prova biżżejjed. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti ma tarax li hemm xi raġuni sabiex tibdel il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti tifhem li jista' jkun li l-appellant kien frustrat minħabba l-kwistjonijiet kontinwi li jkollu jaffronta, iżda din mhux raġuni sabiex huwa jġib ruħu bil-mod li jirriżulta li ġab ruħu dakinhar tal-akkadut mertu ta' dawn il-proċeduri.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami jirriżulta li anke dan l-aggravju jistħoqqlu jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa intitolat hekk: *"Il-kunflitt tal-provi min-naħa tal-imputati ċiklisti u l-effett serju tal-akkuża fuq l-appellant."* L-appellant jilmenta li x-xiehda mogħtija minn Christina Fylking Nielsen mhijiex konsistenti ma' verżjonijiet oħra mogħtija fuq il-medja soċjali u lanqas ma hija konsistenti ma' dak li ġie rekordjat. Jispjega li huwa ma kellu l-ebda raġuni sabiex jiġġieled maċ-ċiklisti u li huwa ġab ruħu b'mod kalm u staqsiehom sabiex joħorġu mill-proprjeta' tiegħu. Jgħid li kien huwa li sejjaħ lill-Pulizija sabiex tiġi solvuta l-kwistjoni. Ikompli li kien biss wara li ċ-ċiklisti ġew imsejjħa mill-Pulizija li huma rrappurtaw x'ġara u kien biss meta saru jafu bl-akkużi kontrihom illi ddeċidew jieħdu azzjoni legali kontra tiegħu fuq l-allegati insulti li sofrew. L-appellant isemmi li mir-*recordings* ma jirriżulta l-ebda tgħajjir. Jisħaq li dak li jirriżulta fil-media kien tentattiv sabiex ipoġġuħ f'dawl ikrah. Rigward l-allegat fatt li ċ-ċiklisti

kienu mbeżża' jispjega li dan ma jirriżultax speċjalment tenut kont tal-kliem minnhom użat. Jgħid lil-verżjonijiet li taw iċ-ċiklisti kienu jmorru kontra dak li ġie rappurtat minnhom fuq il-media. Jindika li minkejja ċ-ċiklisti jgħidu li kienu qed jieħdu *video*, l-ebda wieħed minnhom ma xehed u ntużat biss ix-xiehda ta' Fylking. Jgħid: *"Illi, finalment, hija evidenti u kjarissima li l-verżjonijiet divulġenti li bdew jagħtu dawn il-persuni kienu falzi u dan kif jintwera mill-azzjonijiet, o meno, tagħhom, fejn ma xtaqux jixhdu quddiem l-Ewwel Qorti u filfatt ix-xhieda ta' Nielsen biss intużat* ***fil-konfront tal-akkużi tagħhom kollha*** *u mill-fatt illi l-ebda minnhom ma pprovdu evidenza biex isaħħu l-allegazzjonijiet tagħhom, liema evidenza suppost kienet fl-abbundanza speċjalment la l-istess persuni jinstemgħu jiftaħru filfatt qegħdin jieħdu videos u jagħmlu recordings."* L-appellant ikompli li huwa awditur u li proċedura bħal din hija ta' preġudizzju għalih.

Illi din il-Qorti ser tibda dwar l-argument imressaq mill-appellant fejn jilmenta li fl-artikoli tal-gazzetti ma huwiex imsemmi li huwa kellem liċ-ċiklisti b'mod insulenti jew inġurjuż u li kien biss wara li saru jafu bl-akkużi li ħarġet din l-istorja. F'dan ir-rigward jiġi innutat li tissemma l-kelma *"confrontation"* (*a fol.* 49ABT). Din il-kelma żgur ma tindikax xi forma ta' diskussjoni amikevoli.

Illi rigward l-argument li mir-*recordings* ma jirriżultax li huwa (l-appellant) tkellem b'mod abbużiv din il-Qorti tinnota li semgħet dawn ir-*recordings* u li r-*recording* meħud mill-appellant, kif jikkonferma huwa stess waqt ix-xiehda minnu mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti fit-8 ta' Lulju 2022 (*a fol.* 12 *et seq.*), ma jirriproduċix dak kollu li ngħad dakinhar tal-akkadut.[1] Mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti, jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 13 u 14):

> "Sur Emanuel Ciantar:
> Dak li hemm fil-gazzetta huwa parti żgħira, għal xi raġuni ma hemmx ir-*recording* sħiħ ta' dak li ġara u jiena

[1] Għal kull buon fini jingħad li r-*recording* tal-appellant Emanuel Ciantar jinsab fil-proċess tal-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Yves Muscat**, liema *recording* ġie mismugħ minn din il-Qorti.

> għandi l-parti estensiva ta' dak li ġara, pero' m'għandiex il-parti…
>
> Qorti:
> Li nistgħu narawha minn fuq is-CD. OK.
>
> Sur Emanuel Ciantar:
> Eżatt, pero' ma għandiex il-parti ta' quddiem għaliex jiena bdejt nirrekordja ftit wara li beda r-*recording* tal-parti l-oħra."

Illi din il-Qorti tirrimarka wkoll li lanqas hemm garanzija li l-parti ppreżentata mir-*recording* li allegatament ġie meħud mill-pjattaformi elettroniċi huwa integrali.

Illi dak li jibqa' huwa dak li tgħid il-*parte civile* Christina Fylking Nielsen li diġa' ġie rappurtat aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita' li tisma x-xiehda *viva voce* u ddeċidiet li temmen lill-*parte civile*. Wara li din il-Qorti qieset il-provi li jirriżultaw fl-atti proċesswali ma tarax li hemm xi provi li jwassluha idawwar il-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti u l-apprezzament magħmul minnha tal-istess provi. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha bil-konsegwenza li anke l-aggravju in eżami ser jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Emanuel Ciantar u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |